MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 3/2012/1

**John Bugeja**
**v.**
**Il-Prim Ministru; l-Avukat Ġenerali;**
**il-Provinċjal Reverendu tal-Franġiskani Minuri Konventwali bħala amministratur tal-beni tal-Provinċja tal-Franġiskani Minuri Konventwali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba għal rimedju wara li, b'sentenza oħra tal-Qorti Kostituzzjonali, instab illi, minħabba nuqqas tal-istat li jgħaddi liġi konformi mal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u mal-

Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”], l-attur ma setax jinqeda bil-jedd mogħti lilu bil-liġi illi konċessjoni enfitewtika temporanja favur tiegħu tiġi konvertita f’waħda perpetwa għax dan ikun bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tad-direttarju.

2. Il-fatti relevanti għal dan l-appell seħħew hekk: l-attur kellu proprjetà b’enfitewsi temporanja li għalqet fil-21 ta’ Lulju 2000. Billi ippretenda illi kellu jedd illi jikkonverti din l-enfitewsi f’waħda perpetwa taħt l-art. 12 tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [“Kap. 158”], fetaħ kawża[1] quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili kontra d-direttarju – il-Provinċja tal-Franġiskani Minuri Konventwali [“id-Direttarju”] – biex iġiegħlu jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att relativ.

3. Id-Direttarju ressaq l-eċċezzjoni fost oħrajn illi d-disposizzjonijet tal-Kap. 158 jiksru d-drittijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”]. Il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili b’sentenza mogħtija fl-24 ta’ Frar 2011 laqgħet din l-eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-attur. L-attur appella quddiem din il-qorti iżda l-appell ġie miċħud b’sentenza mogħtija fil-11 ta’ Novembru 2011 “għax … l-applikazzjoni tal-art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 fil-każ tallum tkun bi ksur tal-jedd tal-konvenut [id-Direttarju] imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll”.

4. Din il-qorti kienet ċaħdet ukoll aggravju tal-attur illi kellu jkun l-istat, u mhux l-attur stess, li jbati l-konsegwenzi tal-ksur ta’ jedd fondamentali billi jagħti r-rimedju relativ:

“27. L-attur fit-tieni aggravju tiegħu jgħid illi “għandu jkun l-istat u mhux l-individwu li jbati l-konsegwenzi ta’ liġi anti-kostituzzjonali”; għalhekk, ukoll jekk hemm ksur tal-jeddijiet tal-konvenut, ir-rimedju għandu jkun illi jitħallas kumpens mill-istat u mhux illi l-attur ma jitħalliex jistrieħ fuq il-jeddijiet mogħtija lilu mill-istess liġi.

“28. Dan l-aggravju huwa ħażin. Kif rajna, kemm l-art. 6 tal-Kostituzzjoni u kemm l-art. 3 (2) tal-Kap. 319 jgħidu illi l-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-

[1] Rik. Kost. 1508/2000.

Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropeja, tkun bla effett. Ladarba nstab illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, hemm dik l-inkonsistenza, il-liġi ordinarja għandha tkun bla effett u l-attur għalhekk ma jistax jistrieħ fuqha."

5. Bis-saħħa ta' dik is-sentenza, għalhekk, l-attur sab illi l-art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 ma setax jiġi applikat fil-każ tiegħu, u ma setax jinqeda bil-jedd illi jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa. Għalhekk l-attur jilmenta:

"illi l-leġittimi aspettativi tar-rikorrenti kienu li ser issir konverżjoni taċ-ċens temporanju għal wieħed perpetwu iżda din l-aspettattiva ġiet lilu negata minħabba l-fatt li l-gvern … qatt m'għamlu xejn biex jirrattikikaw [*sic*] il-kundizzjonijiet taħt il-liġi *de quo* minkejja diversi sentenzi f'dan ir-rigward mill-Qorti Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem u mill-qrati tagħna. Minħabba dan l-aġir jew, aħjar, nuqqas ta' aġir, ir-rikorrenti qiegħed isofri d-danni."

6. Jgħid l-attur ukoll illi l-istat għandu d-dmir jindirizza n-nuqqasijiet fil-liġi msemmija fis-sentenza iżda naqas milli jinqeda bis-setgħat taħt l-art 242(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[2] biex jagħmel dan.

7. L-attur għalhekk talab illi l-qorti:

"1. tordna lill-intimat Avukat Ġenerali, rappreżentant tal-Gvern ta' Malta, sabiex, b'mod immedjat, jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Novembru 2011 u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' proporzjon ravviżat fl-istess kawża u ħalli, meta dan in-nuqqas jiġi

---

2 **242.** (1) Meta qorti, permezz ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, tiddikjara li xi strument li jkollu l-forza ta' liġi f'Malta jew xi disposizzjoni tiegħu tmur kontra xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew xi dritt tal-bniedem jew libertà fondamentali elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, jew li tkun *ultra vires*, ir-reġistratur għandu jibgħat kopja tal-imsemmija sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati li għandu meta l-Kamra tiltaqa' għall-ewwel darba wara li jkun irċeva dik is-sentenza jgħarraf lill-Kamra b'dak li jkun irċieva u jqiegħed kopja tas-sentenza fuq il-Mejda tal-Kamra.

(2) Meta jkun hemm sentenza bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1), il-Prim Ministru jista', matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data meta s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat u sakemm ikun meħtieġ fil-fehma tiegħu jneħħi kull inkonsistenza mal-Kostituzzjoni ta' Malta jew mad-dritt jew libertà fondamentali tal-individwu rilevanti stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont ma jkun ġie dikjarat f'dik issentenza, jagħmel regolamenti li jkunu jħassru l-istrument jew id-disposizzjoni rilevanti li tkun ġiet dikjarata bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea kif imsemmi fis-subartikolu (1).

indirizzat, ir-rikorrent ikun jista’ jipprevalixxi ruħu mid-disposizzjonijiet tal-liġi hekk mibdula;
“2. tiddikjara, b’mod sussidjarju, li, fin-nuqqas li l-intimat Avukat Ġenerali, rappresentant tal-Gvern, [*sc.* jikkonforma ruħu] mat-talba preċedenti, hu risponsabbli in linea ta’ danni versu r-rikorrenti;
“3. tillikwida d danni li sofra r-rikorrent minħabba l-aġir tal-intimat Avukat Ġenerali, in rappresentanza tal-Gvern ta’ Malta hekk kif hawn fuq spjegat;
“4. tikkundanna lill-Avukati Ġenerali jħallas id-danni kollha hekk likwidati lir-rikorrent.”
8. Bis-sentenza tal-5 ta’ Lulju 2012 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:
“… … … din il-kawza hija straxitu ta’ sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta’ Novembru 2011, fejn ġie deċiż li l-applikazzjoni tal-artikoli tal-liġi invokati mir-rikorrent li, skont hu, kienu jintitolawh jikkonverti l-konċessjoni enfitewtika temporanja ta’ fond fi Triq Tigné, Sliema, li missieru kien ħa b’kuntratt datat 15 ta’ Frar 1962, f’waħda perpetwa kienu jiksru d-drittijiet fundamentali tal-padrun dirett, bir-riżultat li l-istess attur ma setax jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà mogħti[ja] lilu bil-liġi [l-artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta]. Ir-rikorrent qed jargumenta illi ġiet leża l-aspettattiva leġittima tiegħu li jibqa’ jgawdi l-fond b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa u dan peress li l-awtoritajiet kompetenti naqsu, meta fformulaw il-liġi applikabbli fl-1979, li jipprovdu salvagwardji proċedurali xierqa mmirati li jinkiseb bilanċ bejn l-interess tal-utilista u tal-padrun dirett.
“Din il-qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni tar-rikorrent u dan għal diversi raġunijiet. Meta missier ir-rikorrent ħa l-konċessjoni temporanja fi Frar tal-1962, u l-istess rikorrent ħa l-bqija tal-konċessjoni enfitewtika f’Ottubru tal-1973, hu kien jaf li l-konċessjoni kienet tiskadi fil-21 ta’ Lulju 2000, wara liema data hu kellu jivvaka l-fond u jħalli l-istess liberu u battâl a favur il-padrun dirett. Hu kien jaf b’din il-konsegwenza u ma kellu ebda dritt jippretendi li l-Gvern jintervjeni biex hu, u persuni oħra f’sitwazzjonijiet bħalu, jiġu protetti fit-tgawdija tal-fond anke wara l-iskadenza tal-konċessjoni enfitewtika temporanja. Il-fatt li l-Gvern

ipprova jagħtih xi forma ta' protezzjoni ma jagħtix dritt lir-rikorrenti jippretendi dik il-protezzjoni bi dritt.

"L-attur jgħid li, wara l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1979 lil-liġi rilevanti, hu kellu "*legitimate expectation*" li kien se jibqa' fil-post anke wara l-iskadenza tal-konċessjoni, aspettattiva li, skont hu, timmerita protezzjoni fit-termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

"Għalkemm artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni ta' x'jikkonsisti l-kunċett ta' beni jew possedimenti, ġie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kunċett huwa interpretat b'mod wiesa'. In fatti, f'Mellacher *v*. Austria (19 ta' Diċembru 1989), dan il-kunċett ġie interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ma jinkludix biss art, imma anke interessi oħra li għandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applikabilità ta' dan l-artikolu.

"… … …

"B'dan ir-raġun, allura, wieħed jista' faċilment jgħid illi artikolu 1 Protokoll Numru 1, ma jillimitax il-protezzjoni li jħaddan lill-proprjetà fis-sens klassiku tal-kelma, iżda jestendi l-protezzjoni għal interessi oħra. Dawn l-interessi imma jridu però juru numru ta' karatteristiċi li żviluppaw matul iz-zmien fil-ġurisprudenza.

"Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi għandhom ikunu, qabel xejn, ta' natura kummerċjali, jew aħjar, ekonomiku. Barra minn hekk, dawn l-interessi għandhom juru suffiċentement "*of being realized*" u b'hekk jirrappreżentaw dik li nsejħulha "*legitimate expectation*" kif ser naraw aktar 'l isfel, u fl-aħħarnett, dawn l-interessi legali għandhom ukoll jimmanifestaw irwieħhom u fuq kollox ikunu identifikati.

"Il-protezzjoni ta' dan l-artikolu tapplika biss f'każ li wieħed jista' "*lay a claim to the property concerned*". Dan l-artikolu jipproteġi dik il-proprjetà ġà eżistenti u mhux id-dritt li wieħed jakkwista proprjetà fil-futur. Artikolu 1 Protokoll Numru 1 japplika biss, wieħed jista' jinnota, għall-beni jew possedimenti li persuna diġà għandha u li diġà qed tgawdi. Irid jigi provat mill-applikant quddiem il-

qorti li huwa għandu pretensjoni legali li jeżerċita *property rights* – Zwierzynski *v.* Poland (19 ta’ Ġunju 2001).

“In fatti, il-fundazzjoni sabiex *claim* tkun ikkonsiderata bħala “*possession*” taħt Artikolu 1 Protokoll Numru 1 għandu jiġi ippruvat li hemm pretensjoni legali li ma tistax tiġi stabbilita jekk “*a precondition to a claim to property has not been fulfilled*” – Kopecky *v.* Slovakia (28 ta’ Settembru 2004).

“… … …

“Issa, f’dan il-każ, ma jistax jingħad li r-rikorrent għandu xi titolu validu għall-estensjoni tal-enfitewsi peress illi ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali li, fil-każ tiegħu, jekk jużufruwixxi ruħu mill-fakoltà li tagħti l-liġi, jinħoloq żbilanċ bejn id-drittijiet tiegħu u dawk tal-padrun dirett.

“Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali, il-liġi *per se* ma hijiex kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li jfisser li l-Gvern ipprovda rimedju validu. Hija l-applikazzjoni ta’ dik il-liġi fil-każ tar-rikorrent li wassal għall-izbilanċ indikat. Dan seħħ mhux minħabba xi nuqqas fil-liġi, iżda peress li ċ-ċens oriġinarjament pattwit ma kienx tali li jwassal għall-bilanċ li trid il-Konvenzjoni. Kienet il-pawċità taċ-ċens miftiehem li wassal għall-fatt li r-rikorrent ma jistax jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà li tat il-liġi, u mhux il-ligi *per se*. Darba, allura, li ċ-ċens miftiehem kien wieħed baxx, u dan ir-rikorrent kien jafu u aċċettah, ma setax kellu “*a legitimate expectation that the entitlement will materialise*”. Il-fakoltà li tat il-liġi biex, f’ċerti ċirkostanzi, enfitewsi temporanja tiġi konvertita f’waħda perpetwa, ingħatat lil min ikun ftiehem ċens oriġinali adegwat jew maħsub li jawmenta, li jkun jista’ jikkonverti ruħu f’kumpens adegwat għall-kontro-parti ta’ min jagħmel użu minn dik il-fakoltà. Kollox jiddependi, allura, mill-ftehim milħuq, u r-rikorrent ma jistax jilmenta min-nuqqas ta’ riżultat favorevoli għalih, meta hu jew l-awtur tiegħu aċċettaw ammont ta’ ċens baxx (12c5 mill-flus antiki) u gawdew minn dan il-privileġġ għal 150 sena (il-konċessjoni oriġinali kienet ingħatat fit-22 ta’ Lulju 1850, u l-kuntratt relattiv ma ħasibx għall-awmenti perjodiċi tal-istess ċens). Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, ir-rikorrent ma setax kellu pretensjoni valida li jibqa’ in perpetwità fil-fond b’ċens li jibda b’€1.75 fis-sena, rivedibbli kull hmistax-il sena skont ir-rata tal-inflazzjoni. L-eżerċizzju ta’ dik il-

fakoltà, f'dawn iċ-ċirkostanzi, kienet twassal għall-konklużjoni mhux *in bona fide* u kontra kull dettam tar-raġuni u allura l-pretensjoni li seta' kellu r-rikorrent ma tistax titqies "legali".

"Ġara fil-każ tar-rikorrenti li l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi, f'dan il-każ u f'dawn iċ-ċirkostanzi, kjarament jammontaw għall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-padrun dirett; iċ-ċirkostanzi, però, ma ħalqithomx il-liġi, iżda l-awtur tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-każ tal-attur, kienet ċara meta qalet li l-applikazzjoni tal-artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 "fil-każ tal-lum" ħoloq żbilanċ inaċċettabbli. Id-deċiżjoni ta' dik il-qorti ttieħdet a bażi tal-fattispeċi partikolari tal-każ, u mhux għax il-provvedimenti tal-liġi huma fihom infushom illegali. …

"Il-pretensjoni tar-rikorrent kienet waħda kundizzjonata, u *cioè*, li jinħoloq bilanċ bejn id-dritt tiegħu u dak tal-padrun dirett. Din il-kundizzjoni ma avveratx ruħha fil-każ tal-lum, u, kwindi, dik il-pretensjoni ma tistax titqies "*possession*" skont l-artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni, peress li kienet "*a conditional claim which lapses as a result of the non-fulfillment of a condition*" – <u>Malhous *v.* The Czech Republic</u>, deċiża fit-13 ta' Diċembru 2000."

9. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Lulju 2012. L-aggravji tiegħu, li huma tnejn, ġew minnu mfissra hekk fir-rikors tal-appell:

"L-ewwel aggravju

"… kien l-Istat li għamel il-liġi u kien l-istess Stat li naqsu meta fformulaw il-liġi applikabbli fl-1979 li jipprovdu salvagwardji proċedurali xierqa mmirati li jinkiseb bilanċ bejn l-interess tal-utilista u tal-padrun dirett. Huwa għalhekk l-Istat li għandu obbligu li jikseb dak il-bilanċ hekk kif provdut mill-Qorti Kostituzzjonali bid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Novembru 2011. … [I]l-Qorti Kostituzzjonali qalet li huwa l-Gvern li ppromulga u implimenta l-artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 huwa ħati ta' leżjoni tad-drittijiet fondametali tas-sid tal-fond …

"… … …

"… l-appellant kien u għadu jippretendi [li] l-Gvern jimxi mas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, fis-sens li kien hemm diversi sentenzi tal-qrati tagħna u tal-Qorti Ewropeja li jgħidu li l-artikolu kontestat f'dawn il-proċeduri

joħloq sbilanċ a sfavur is-sid tal-fond iżda l-Gvern qatt ma aġixxa sabiex jindirizza n-nuqqas. M'huwiex ir-rwol tal-Qrati li jillegislaw [*sic*]; dan huwa r-rwol tal-Gvern u l-Parlament, iżda l-qrati jistgħu jiddikjaraw liġi anti-konstituzzjonali jew nulla. Issa, fis-sistema ġuridika tagħna hemm nuqqas, fis-sens li d-dikjarazzjoni ta' nullità jew anti-konstituzzjonalità ma tiġix indirizzata mill-ewwel mill-Gvern jew Parlament. L-appellant josserva li minħabba dan in-nuqqas … da parti tal-awtoritajiet konċernati qiegħed ikollu konsegenzi gravi u inġusti fil-konfront tiegħu. Huwa se ibati billi jiġi żgumbrat miil-fond *de quo* u b'hekk id-drittijiet tiegħu se jiġu leżi minħabba n-nuqqas ta' aġir da parti tal-Gvern.

"Illi hawn *si tratta* … mhux ta' assistenza da parti tal-Gvern lill-appellant iżda leġittima aspettattiva da parti tiegħu li l-liġi tiġi rispettata, hekk kif ilu jseħħ għal għexieren ta' snin, u jekk din il-liġi kienet kontra d-drittijiet tal-bniedem ma għandux jaħti l-appellant stess. L-appellant għandu aspettattiva leġittima wkoll li l-Gvern jikkorreġi l-iżball u mhux iħalli kollox għaddej qisu ma ġara xejn. Is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2011 hija ċara: il-Gvern irid jirrettifika l-iżball għaliex se nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn il-bilanċ favur l-inkwilin se jinbidel fi sbilanċ qawwi kontrieh u b'hekk, għal darb'oħra, l-Istat se jerġa', fil-fehma tal-appellant, jikser id-drittijiet tal-bniedem però, din il-darba, kontra l-inkwilin u dana minħabba n-nuqqas tal-istess Stat.

"It-Tieni Aggravju

"… l-ewwel qorti tat stampa errata tal-ksur tad-dritt tal-paċifiku pussess tal-proprjetà tal-intimat odjern. L-ewwel qorti qed tgħid li huwa tort tal-appellat jew l-predeċessur tiegħu li effettivament iffirma l-konċessjoni li wassal għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Din hija affermazzjoni għal kwantu stramba u mhix imsejsa fir-realtà. L-appellant jgħid li l-konċessjoni oriġinali qatt ma ġiet iddikjarata nulla; il-partijiet oriġinali fil-koncessjoni daħlu għall-ftehim bil-volontà tagħhom u bil-kundizzjonijiet miftiehma. L-appellant akkwista l-koncessjoni b'mod regolari u din ukoll qatt ma ġiet iddikjarata nulla. Kien l-Istat li introduċa l-emendi tas-sena 1979 u mhux l-appellanti u huwa kellu r-rekwisiti kollha skont il-liġi sabiex padrun dirett tal-fond in kwistjoni jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku

opportun għall-konversjoni tal-enfitewsi temporanja f'waħda perpetwa. Dan kien kollu skont il-liġi.

“Illi l-ewwel qorti qalet … li din il-konċessjoni partikolari hija fil-fatt kontra d-drittijiet tal-bniedem u l-appellant jew l-predeċessuri fil-kawża tiegħu iffirmaw il-konċessjoni għalhekk it-tort huwa tagħhom. Il-verità hija li l-konċessjoni oriġinali u l-kundizzjonijiet oriġinali ma għandhom x’jaqsmu xejn ma’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Huma fil-fatt l-emendi introdotti mill-Istat li huma kawża tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fis-sens li minħabba dawn il-emendi l-kundizzjonijiet tal-konċessjoni ma setgħux jinbidlu, iċ-ċens b’hekk baqa’ baxx (mhux tort tal-appellant). Huwa minħabba l-liġi li s-sid ma setax jikkontesta jew ibiddel il-kundizzjonijiet fil-*forum* adegwat (nuqqas ta’ salvagwardji proċedurali), huwa minħabba l-liġi li taħt ċertu kundizzjoni konċessjoni temporanja ssir perpetwa. Huwa għalhekk inaċċettabli li wieħed jimplika li l-appellant kisser xi drittijiet tal-bniedem!

“Illi l-raġunament tal-ewwel qorti … huwa msejjes fuq żball ta’ interpretazzjoni tas-sentenza ta’ din il-qorti tal-11 ta’ Novembru 2011. L-appellant jerga’ itenni li l-possediment, skont l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi dwar l-paċifiku pussess ta’ possedimenti, jista’ jkunu jew possediment eżistenti jew *claim*, li dwarha l-applikant jista’ jargumenta li għandu għall-inqas “aspettattiva leġittima” li jikseb tgawdija effettiva tad-dritt ta’ proprjetà … “

10. Id-Direttarju wieġeb fis-26 ta’Lulju 2012 u l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali wieġbu fit-30 ta’ Lulju 2012, u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

11. Ir-raġunijiet illi immotivaw il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti kienu, effettivament, tlieta: (i) illi l-“aspettattiva leġittima” li jippretendi li għandu l-attur ma hijiex fost il-beni mħarsa taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni; (ii) illi l-Qorti Kostituzzjonali ma sabitx illi l-liġi nfisha hija anti-kostituzzjonali iżda biss l-applikazzjoni tagħha fil-każ partikolari; u (iii) illi l-attur stess jaħti għala l-applikazzjoni tal-liġi kienet tkun anti-kostituzzjonali fil-każ tiegħu għax l-awtur tiegħu ma stipulax kondizzjonijiet tal-enfitewsi temporanja li bihom l-enfitewsi setgħet validament tiġi konvertita f’waħda perpetwa taħt il-liġi.

12. Din il-qorti tibda biex tgħid illi, għalkemm, kif sejra tfisser aktar 'il quddiem, hija taqbel mal-ewwel Qorti li ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-attur, ma tistax taqbel mar-raġunijiet kollha mressqa mill-ewwel Qorti, partikolarment dawk enumerati (ii) u (iii) fil-paragrafu ta' qabel dan.

13. Ma tistax taqbel illi l-fatt jekk tkunx il-liġi nfisha li tkun anti-kostituzzjonali jew inkella biss l-applikazzjoni tagħha fil-każ partikolari għandu xi relevanza għall-għanijiet tal-każ tallum, bħallikieku ma hemmx ksur tal-jeddijiet tal-attur għax hija biss l-applikazzjoni tal-liġi fil-każ tiegħu li hija anti-kostituzzjonali, iżda kien ikun hemm ksur li kieku l-liġi nfisha kienet anti-kostituzzjonali.

14. Ma taqbilx ukoll li kien hemm xi nuqqas tal-attur jew tal-awtur tiegħu fl-istipulazzjoniiet tal-kondizzjonijiet tal-enfitewsi temporanja (li, wara kollox, kien qabel magħhom id-Direttarju li għalhekk kien ikollu ħtija daqsu) jew li, għax ma hemm ebda ħtija jew nuqqas fl-istipulazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet, mela hemm ksur tal-jeddijiet tal-attur.

15. Ngħaddu issa għall-aggravji tal-attur.

16. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur effettivament qiegħed jgħid illi huwa l-istat li jaħti talli fil-liġi ma ħasibx għal mekkaniżmu biex jinħoloq u jinżamm dawk l-ekwilibrju u proporzjon bejn l-interessi tas-sid u dawk tal-utilista li huma meħtieġa biex il-konverżjoni ta' enfitewsi temporanja f'waħda perpetwa ma tkunx bi ksur tal-jeddijiet tas-sid. Għalhekk, jgħid l-attur, l-istat għandu obbligu joħloq dak il-mekkaniżmu jew, fin-nuqqas, jagħmel tajjeb għad-danni.

17. Din il-qorti taqbel illi kien l-istat, permezz tal-leġislatur, li naqas meta, fil-waqt li għadda b'liġi l-Att tal-1979 li jemenda l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar, ma ħasibx li joħloq ukoll il-mekkaniżmu sabiex dik il-liġi tkun tista', f'kull każ, tiġi applikata b'rispett u ħarsien tal-interessi u d-drittijiet tal-partijiet kollha. Min-naħa l-oħra, ma tistax taqbel illi l-istat, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, għandu xi obbligu jgħaddi liġi oħra biex "jikkoreġi" l-Ordinanza jew, fin-nuqqas, jagħmel tajjeb għad-danni. Hija għażla sovrana tal-istat jagħżel jagħtix jedd ta' konverżjoni ta' enfitewsi temporanja: bħal ma għażel li jagħti dak il-jedd fl-1979 jista' jagħżel ikomplix jagħtih illum

jew joħloqx il-kondizzjonijiet biex jista' jitwettaq f'kull każ bla eċċezzjoni jew f'xi każijiet biss jew ineħħihx għal kollox. Sakemm ma hemmx obbligu fuq l-istat li jgħaddi liġi (bħal fil-każ tal-obbligu li jgħaddi liġi biex jimplementa Direttiva ewropeja) ma jistax jiġi mġiegħel jagħmel tajjeb għad-danni għal nuqqas ta' leġislazzjoni.

18. L-art. 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma joħloqx dak l-obbligu: jagħti biss is-setgħa, u mhux l-obbligu, lill-Prim Ministru li "jagħmel regolamenti li jkunu jħassru [u mhux "jikkorreġu"] l-istrument jew id-disposizzjoni li tkun ġiet dikjarata bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni [jew il-Konvenzjoni]", u l-Parlament dejjem għandu dik is-setgħa, iżda mhux l-obbligu. Barra minn hekk ma kienx il-kaz li d-dispozizzjoni tal-ligi li giet dikjarata li tmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni izda biss l-applikazzjoni taghha fil-kaz partikolari u ghaldaqstant l-Artikolu 242 imsemmi ma jghoddx ghall-kaz.

19. Safejn huwa msejjes fuq il-pretensjoni li l-istat għandu obbligu ta' leġislazzjoni fil-każ tallum, l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud. Dan iwassalna għat-tieni aggravju li jgħid illi, għax ma kien hemm ebda nuqqas jew ħtija min-naħa tiegħu, l-attur kellu aspettattiva leġittima li jitwettaq il-jedd tiegħu li jikkonverti l-enfitewsi temporanja f'waħda perpetwa.

20. Essenzjalment, il-kwistjoni hija jekk l-attur kellux aspettattiva li tista' titqies bħala jedd patrimonjali li jistħoqqlu ħarsien taħt il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma kellux dik l-aspettattiva leġittima, mhux għax kellu xi ħtija jew nuqqas, iżda għax ma seħħewx il-kondizzjonijiet biex dik l-aspettattiva tikseb ħarsien taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

21. Meta kiseb l-utli dominju temporanju l-awtur tal-attur, u wkoll meta kiseb l-istess utli dominju l-attur fl-1973, ma kien hemm ebda aspettattiva bħal dik; anzi, l-aspettattiva ta' kulħadd kienet illi meta tintemm l-enfitewsi s-sid jieħu l-fond lura.

22. L-aspettattiva nħolqot fl-1979 u, sa ma ntemmet l-enfitewsi fl-2000, kienet biss aspettattiva li, sakemm baqgħet biss aspettattiva, setgħet liberament u validament tinġieb fix-xejn li kieku l-istat b'att sovran bidel il-liġi.

23. Fil-każ tallum iżda l-aspettattiva nġiebet fix-xejn mhux b'att leġislattiv iżda b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija wara l-2000. Dan jagħmel differenza?

24. Fil-fehma ta' din il-qorti kien jagħmel differenza li kieku seħħew il-kondizzjonijiet kollha biex l-aspettattiva tikkristallizza ruħa fi dritt patrimonjali: li kieku, fil-kliem ieħor, l-utli dominju perpetwu daħal validament fil-patrimonju tal-attur. Il-kondizzjonijiet li kellhom iseħħu, iżda, ma humiex, kif jippretendi l-attur, dawk biss li jrid il-Kap. 158, iżda wkoll il-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali tas-sid. Ma hijiex leġittima dik l-aspettattiva illi, biex isseħħ, trid tikser il-jeddijiet fondamentali ta' ħaddieħor.

25. Din il-kundizzjoni – li jitħarsu wkoll id-drittijiet fundamentali tad-Direttarju – fil-każ tallum, kif tgħid is-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Novembru 2011, ma seħħitx, u għalhekk l-aspettattiva tal-attur la kienet waħda leġittima u lanqas kienet waħda li setgħet tiġġenera drittijiet patrimonjali. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, għalhekk, il-pretensjoni tal-attur ma setgħetx titqies li hija fost il-beni mħarsa taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni:

"50. … no legitimate expectation can be said to arise where there is a dispute as to the correct interpretation and application of domestic law and the applicant's submissions are subsequently rejected by the national courts.

"…

"1. … it can be concluded that the Court's case-law does not contemplate the existence of a "genuine dispute" or an "arguable claim" as a criterion for determining whether there is a "legitimate expectation" protected by Article 1 of Protocol No. 1. The Court … takes the view that where the proprietary interest is in the nature of a claim it may be regarded as an "asset" only where it has a sufficient basis in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming it."[3]

26. Fis-sentenza tal-11 ta' Novembru 2011 il-Qorti Kostituzzjonali tat interpretazzjoni tal-Kap. 158 u tal-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dik il-liġi b'mod

[3] Kopecký *v.* l-Islovakkja, Q.E.D.B. 28 ta' Settembru 2004, rik. 44912/1998.

konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni u, b'dik l-interpretazzjoni, instab illi l-attur ma kellu ebda jedd li jikkonverti l-enfitewsi. L-aspettattiva tiegħu għalhekk ma kinitx waħda leġittima.

27. Kienu forsi japplikaw konsiderazzjonijiet differenti li kieku l-attur ħareġ xi flus biex kiseb l-utli dominju temporanju b'affidament illi l-liġi li għadda l-Parlament biex jagħtih dik l-aspettattiva kienet waħda kostituzzjonalment leġittima. F'kull każ, iżda, la l-attur u lanqas l-awturi tiegħu ma kellhom dik l-aspettattiva meta kisbu l-utli dominju billi f'dak il-waqt l-emendi tal-1979 ma kinux għadhom għaddew b'liġi u għalhekk ma jistax jingħad illi l-attur ħareġ xi flus għax għamel affidament fuq dik l-aspettattiva. Ma huwiex il-każ, għalhekk, illi l-qorti tippronunzja ruħha dwar x'kien jiġri f'dik l-ipotesi.

28. It-tieni aggravju wkoll huwa, għalhekk, miċħud.

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma, għalkemm għal raġunijiet mhux għal kollox identiċi, is-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------